A.L. 191 ta' l-2009

ATT DWAR L-AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS* (KAP. 419)

Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Ħatra tal-Punt ta' Kuntatt tal-Prodott

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Ħatra tal-Punt ta' Kuntatt tal-Prodott.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-ħtiġiet tar-Regolament (KE) Nru. 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati ma' l-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment mqiegħdin fis-suq fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE, minn hawn iżjed 'il quddiem msejjaħ "ir-Regolament 764/2008", għal dak li jirrigwarda l-ħatra tal-Punt ta' Kuntatt tal-Prodott u l-obbligi ta' rappurtar ta' Malta.

Twaqqif ta' punt ta' kuntatt tal-prodott.

2. (1) L-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, minn hawn iżjed 'il quddiem msejjħa "l-Awtorità" qiegħda b'dan tiġi maħtura bħala l-Punt ta' Kuntatt tal-Prodott skond it-tifsira u r-responsabbiltajiet stabbiliti bir-Regolament 764/2008.

(2) L-Awtorità għandha tissodisfa l-obbligi ta' Malta mnissla mill-Artikolu 13 tar-Regolament 764/2008.

Funzjoniijet tal-punt ta' kuntatt tal-prodott.

3. (1) Il-Punt ta' Kuntatt tal-Prodott, meta jintalab minn, *inter alia*, operatur ekonomiku jew minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, għandu jagħti din l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-regoli tekniċi li japplikaw għal tip speċifiku ta' prodott f'Malta u informazzjoni dwar jekk dak il-prodott huwiex soġġett għal ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel taħt il-liġijiet ta' Malta, flimkien ma' informazzjoni fir-rigward tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u l-applikazzjoni tar-Regolament 764/2008 f'Malta;

(b) id-dettalji ta' kuntatt ta' l-awtoritajiet kompetenti f'Malta li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati direttament, inkluż id-dettalji ta' l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' l-implimentazzjoni tar-regoli tekniċi in kwistjoni;

(ċ) ir-rimedji ġeneralment disponibbli fil-każ ta' tilwima bejn l-awtoritajiet kompetenti u operatur ekonomiku.

(2) Il-Punt ta' Kuntatt tal-Prodott għandhu jwieġeb fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol minn meta jirċievi xi talba kif imsemmi fis-subregolament (1).

(3) Il-Punt ta' Kuntatt tal-Prodott m'għandhu jitlob l-ebda ħlas għall-għoti ta' informazzjoni kif imsemmi fis-subregolament (1).

Obbligi ta' rappurtar.

4. (1) L-Awtorità għandha tibgħat rapport kull sena lill-Ministru li jkun fih l-informazzjoni mitluba mill-Artikolu 12 ta' Regolament 764/2008.

(2) Sabiex l-Awtorità tkun tista' tissodisfa l-obbligi li jinsabu fis-subregolament (1), kull entità stabbilita bil-liġi għandha tibgħat bil-miktub lill-Awtorità dan li ġej:

(a) informazzjoni kif mitlub bl-Artikolu 12(1)(a) tar-Regolament 764/2008;

(b) informazzjoni kif mitlub bl-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament 764/2008;

(ċ) informazzjoni kif mitlub bl-Artikolu 12(1)(ċ) tar-Regolament 764/2008;

(d) kull informazzjoni oħra mitluba mill-Kummissjoni fil-kuntest tar-Regolament 764/2008:

Iżda, fil-każ li l-entità m'għandha xejn x'tirraporta, din għandha tindika dan il-fatt bil-miktub lill-Awtorità.

(3) L-entitajiet msemmija fis-subregolament (2) għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif mitlub fl-istess subregolament sa mhux aktar tard minn xahar kalendarju minn meta tintalab din linformazzjoni mill-Awtorità.